



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 19 ta' Mejju 2006 (09.06)
(OR. fr)**

9634/06

PUBLIC 9

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL
MARZU 2006

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' atti legiſlattivi definittivi adottati mill-Kunsill fi Frar 2006. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu għall-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, u r-regoli tal-votazzjoni applikabbli;
- fl-**Anness III**, lista ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill fi Frar 2006, b'referenza, jekk ikun il-każ, għar-riżultati tal-vot, spjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll aċċessibbli permezz tas-sit ta' l-Internet (<http://ue.eu.int>); ara taħt "Dokumenti", imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (<http://register.consilium.eu.int>).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti legiſlattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu wkoll jinkisbu mid-Dipartiment tat-Trasparenza (transparency@consilium.eu.int).

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet tal-budget speċifiċi, eċċ.

MARZU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JJET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2713 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fid-9 ta' Marzu 2006 Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni	5753/06 + REV 1 (lt)		Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
L-2714 laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fl-10 ta' Marzu 2006 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71	PE-CONS 3664/05		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

MARZU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien L-2717 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija) fl-14 ta' Marzu 2006	PE-CONS 3678/05	60/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE L-2720 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20 ta' Marzu 2006	PE-CONS 3679/05 + COR 1 + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu) + REV 2 (lt)	61/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1786/2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef	5849/06	62/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-orijini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel	6728/06	63/06, 64/06, 65/06, 66/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief li ġej: Kontra: l-Olanda

MARZU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill dwar prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti	6726/06	67/06, 68/06, 69/06, 70/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief li ġejj: Kontra: l-Olanda
L-2721 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija) fis-27 ta' Marzu 2006				
Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi	PE-CONS 3682/05 + COR 1 + COR 2 + REV 1 (fr) + REV 2 (de) + REV 3 (es) + REV 3 COR 1 (es) + REV 3 COR 2 (es) + REV 4 (fr) + REV 4 COR 1 (fr) + REV 5 (de) + REV 6 (lv) + REV 8 (de)	71/06, 72/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief dawn li ġejjin: Kontra: il-Portugall, Malta Astensjoni: l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja

DIKJARAZZJONI 60/06**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni tista' tappoġġa l-emendi tekniċi kollha li jikkonċernaw it-termini perentorji għat-trasposizzjoni u l-applikazzjoni, l-abbrogazzjoni tar-reġim antik tad-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli u t-termini perentorji dwar l-obbligi ta' rappurtar u l-arranġamenti transitorji.

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-Kunsill jaċċetta l-emendi li jikkonċernaw il-komitoloġija. Din jiddispijaciha għal dawn l-emendi peress li dawn m'għandhomx x'jaqsmu mas-sustanza tal-proposta u huma barra minn hekk, almenu f'parti, f'kunflitt ma' impenji eżistenti fir-rigward ta' regolamentazzjoni aħjar. Madankollu, minħabba l-urġenza tal-ħtieġa li jiġu estiżi t-termini perentorji għat-trasposizzjoni u l-applikazzjoni previsti fid-Direttiva 2004/39/KE, il-Kummissjoni mhix ser topponi ftehim f'qari uniku dwar id-Direttiva proposta li temenda d-Direttiva 2004/39/KE.

Il-Kummissjoni tissottolinja li l-każ preżenti ma jikkostitwixxix preċedent u, b'mod partikolari, li m'għandux jippreġudika minn qabel l-pożizzjoni tagħha dwar ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti fuq il-Kummissjoni (magħrufa bħala d-Deċiżjoni tal-"komitoloġija")."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni kienet strumentali biex intermedjat ftehim u tista' taċċetta r-riżultat tal-kompromess bejn il-Parlament u l-Kunsill, waqt li tfakkar fl-importanza li jiġu stabbiliti miri obbligatorji għall-iffrankar ta' l-enerġija, kif propost inizjalment."

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Isvezja

"Ir-Renju Unit u l-Isvezja għandhom tħassib ġenerali dwar il-prinċipju li jergġhu jiġu allokat i kwantitajiet nazzjonali lil daw k l-Istati Membri li jaqbżu l-Kwantitajiet Nazzjonali Garantiti tagħhom, speċjalment minn perspettiva tal-budget. Fil-każ ta' l-għalf niexef, ir-Renju Unit u l-Isvezja jitolbu li l-Kummissjoni teżamina din il-kwistjoni bħala parti mill-valutazzjoni tar-reġim li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill qabel it-30 ta' Settembru 2008."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-politika futura

"Wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel, il-Kummissjoni se twettaq reviżjoni tal-politika futura ta' l-operat tar-Regolament u l-iżvilupp futur tiegħu. Din ir-reviżjoni tal-politika se titmexxa b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u d-Denominazzjonijiet ta' l-Oriġini Protetti u mal-partijiet interessati. Ir-reviżjoni se tkopri l-aspetti kollha tal-politika li l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-partijiet interessati jistgħu jkunu jixtiequ jqajmu, inklużi l-kwistjonijiet li ġejjin:

- l-identifikazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini protetti bħala ingredjenti;
- l-użu ta' strumenti alternattivi bħal trademarks biex jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini;
- l-ambitu ta' prodotti koperti bir-Regolament b'konsiderazzjoni partikolari li għandha tingħata għall-melħ, il-ħxejjex aromatiċi mħallta, il-prodotti tal-qasab, u l-ħwawar;
- l-identifikazzjoni ta' l-oriġini ta' materja prima;
- il-kriterji użati biex jiġi vvalutat l-istatus ġeneriku ta' isem;
- id-disinn tas-simboli Komunitarji li jidentifikaw indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' l-oriġini protetti."

DIKJARAZZJONI 64/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar awtoritajiet

"Il-Kummissjoni tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jaħtru awtoritajiet speċifiċi bil-għan li jiżguraw li jsiru l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 10¹."

DIKJARAZZJONI 65/06

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega

"Il-Greċja tagħti importanza partikolari lill-implimentazzjoni korretta u effettiva ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

Hija għaldaqstant tagħmel sejħa lill-Kummissjoni Ewropea biex tiegħu l-miżuri xierqa biex tipprevjeni li trademarks li saret applikazzjoni għalihom, ġew irreġistrati jew stabbiliti bl-użu jiksru l-istatus ta' denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi diġà dokumentat u reġistrat, sabiex jiġi żgurat id-dħul tal-produtturi tal-prodotti kkonċernati u biex jiġi evitat li l-konsumatur jiġi mqarraq."

¹ Fil-laqgħa tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura fis-6 ta' Marzu 2006, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ta' wkoll ċerti kjarifiki fuq it-talba ta' delegazzjonijiet. Dwar id-definizzjoni ta' "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" fl-Artikolu 2, fejn "l-isem ta' pajjiż" jista' jkun indikazzjoni ġeografika biss f'"każijiet eċċezzjonali", ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ddikjara li pajjiżi żgħar x'aktarx li għandhom raġunijiet dimostrabbli biex jikkwalifikaw għal din l-eċċezzjoni.

DIKJARAZZJONI 66/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet dwar każijiet individwali minn qradi nazzjonali fid-dawl tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, ismijiet imdaħħla awtomatikament taħt ir-Regolament PGI/PDO l-ġdid fir-reġistru ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' oriġini protetti se jgawdu minn protezzjoni taħt il-kondizzjonijiet imniżżla f'dak ir-Regolament."

DIKJARAZZJONI 67/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ambitu

"Il-Kummissjoni se tirrevedi l-ambitu ta' prodotti koperti bir-Regolament b'konsiderazzjoni partikolari tingħata lill-produzzjoni tradizzjonali ta' l-ilma effervexxenti."

DIKJARAZZJONI 68/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' ismijiet ġeografiċi

"Wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, il-Kummissjoni se tieħu r-responsabbiltà biex tirrevedi l-użu ta' termini ġeografiċi fl-ismijiet tat-TSGs. Din ir-reviżjoni se tiġi mwettqa f'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar Speċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti."

DIKJARAZZJONI 69/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar "korp rappreżentattiv" għat-TSGs reġistrati

"Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar l-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti, se teżamina l-modalitajiet għall-ħolqien ta' 'korpi rappreżentattivi' li għandhom jiġu rikonoxxuti fil-livell Komunitarju fir-rigward tat-TSGs."

DIKJARAZZJONI 70/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar awtoritajiet

"Il-Kummissjoni tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jaħtru awtoritajiet speċifiċi bil-għan li jiżguraw li jsiru l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 14."

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jappoġġa l-adozzjoni ta' din ir-reviżjoni tad-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi. Ir-Renju Unit jilqa' din id-dikjarazzjoni ċara fl-Artikolu 9(2) rivedut li l-Istati Membri ser iżommu diskrezzjoni biex jiddeterminaw l-użu tal-qliġ mill-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastrutturi. Ir-Renju Unit jibqa' jemmen li bażi legali waħda ta' l-Artikolu 71 tat-Trattat tal-KE mhix l-aktar adegwata għal din il-miżura u li l-bażi legali konġunta użata għad-Direttiva Eurovignette oriġinali (Artikoli 71 u 93) kienet tirrifletti aħjar il-kontenut ta' din il-miżura emendatorja. L-appoġġ tar-Renju Unit għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva għaldaqstant hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu dwar il-bażi legali adegwata għal miżuri futuri ta' dan it-tip."

Dikjarazzjoni minn Malta

"Malta tendorsja bis-sħiħ il-prinċipju ta' hłas ġust u effikaċi permezz ta' l-inkorporazzjoni ta' spejjeż esterni fis-sistema ta' hłasijiet li jridu jsiru minn vetturi tqal. Madankollu, Malta, bħala stat ġżira periferiku, tibqa' serjament imħassba dwar l-impatt li żieda fil-hłas għall-użu tat-triq ser ikollha fuq l-ispejjeż operattivi tat-trasport u fuq l-ekonomija Maltija. Hu evidenti li t-tul tal-vjaġġi tipiċi u l-ispejjeż tal-katina tat-trasport għal stati ġżira remoti huma aktar għolja minn daww għal stati kontinentali li jinsabu fiċ-ċentru. Minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali li joħorġu mill-pożizzjoni ġeografika ta' l-Arċipelagu Malti fil-periferija ta' l-Ewropa kontinentali, in-negozju tagħna hu dipendenti fuq diversi mezzi ta' trasport. Mingħajr il-lussu ta' konnessjoni permezz tal-linji tal-ferrovija jew tat-triq għall-Ewropa kontinentali, l-esportazzjonijiet tagħna l-ewwel iridu jkunu trasportati lejn port, imbagħad imbahħra lejn l-Ewropa kontinentali qabel ma jkunu trasportati fuq ir-rettikolat stradali Ewropew lejn id-destinazzjoni tagħhom. Il-kontra jgħodd għall-importazzjonijiet tagħna, li fuqhom Malta tiddependi ħafna u li l-ispiża tagħhom se tikber bl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għaldaqstant, l-introduzzjoni ta' sistema ta' hłasijiet ibbażati fuq id-distanza madwar l-Ewropa żgur ser twessa' l-iżvantaġġ kompetittiv li jesperjenzaw il-pajjiżi periferiċi li l-ekonomiji tagħhom jiddependu fuq l-importazzjonijiet.

Għalhekk, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, Malta tivvota kontra d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-hłas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi."

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
L-2713 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fid-9 ta' Marzu 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa d-data ta' applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2005/211/ĠAI dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet għodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu 6363/06, 6362/06 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill adottata fid-9 ta' Marzu 2006 bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġiet tekniċi u l-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili 13376/05 + COR 1 (fi) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (en) + REV 1 + REV 1 ADD 1, 5918/06 + COR 1 + ADD 1 REV 1 L-2714-il laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fl-10 ta' Marzu 2006 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li ġġedded miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) 6146/06 Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri oħra ta' appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) 6778/06 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa f'materji ta' impjeg u okkupazzjoni (miktuba mill-ġdid) 15623/05 + COR 1 (de) + COR 2 (fi) + REV 1 (es) + REV 3 (sk) + REV 4 (pl) + REV 5 (hu) + REV 6 (lv) + ADD 1, 6602/06 + ADD 1 + ADD 1 COR 1	Astensjoni l-Isvezja

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 15763/05 + COR 1 (sl) + COR 2 (en) + COR 3 (de) + COR 4 (sk) + REV 1 (lt) + REV 2 (hu) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (pt), 6603/06 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (pt) + ADD 1 COR 2 (fr) L-2715-il laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITIVITÀ: Suq Intern, Industrija u Riċerka) fit-13 ta' Marzu 2006 Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar rispons doganali għat-tendenzi l-aktar reċenti fil-kontraffazzjoni u l-piraterija 5921/1/06 REV 1 + REV 1 COR 1 (it) + REV 3 (el) + REV 4 (hu) Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer ta' Solomon dwar is-sajd 'il barra mill-Gżejjer ta' Solomon 5290/06 L-2716-il laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-14 ta' Marzu 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward ta' l-awdituri esterni ta' l-Österreichische Nationalbank 6524/06	Kontra il-Polonja

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Relazzjonijiet ma' l-Istati AKP u l-OCTs 5699/06 - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Sitt FEŻ) għas-sena finanzjarja 2004 5677/06 - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Seba' FEŻ) għas-sena finanzjarja 2004 5679/06 - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (It-Tmien FEŻ) għas-sena finanzjarja 2004 5680/06 - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Id-Disa' FEŻ) għas-sena finanzjarja 2004 5681/06 + REV 1 (pt) Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Ġermanja 7370/06 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Ġreċja 7371/06 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Spanja 7372/06 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Franza 7373/06 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' l-Irlanda 7375/06 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' l-Italja 7376/06 Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' l-Olanda 7378/06	

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Portugall 7379/06	
Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat ta' Ċipru 7380/06	
Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Litwanja 7381/06	
Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat ta' Malta 7382/06	
Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Polonja 7383/06	
Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tar-Renju Unit 7384/06	
Deċiżjoni tal-Kunsill li tinnotifika lill-Ġermanja, skond l-Artikolu 104(9) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa meħtieġa sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv 7143/1/06 REV 1	
L-2718-il laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fl-20 ta' Marzu 2006	
Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2005/936/PESC 6977/06	

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġeorġja dwar l-istatus fil-Ġeorġja tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinar u l-persunal ta' sostenn tiegħu/tagħha 6723/06 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar il-parteciċipazzjoni mill-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp ta' l-Enerġija tal-Peniżola Koreana (KEDO) 7229/06 + COR 1 (en) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar il-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2006 tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bioloġiċi u Tossiċi (BTWC) 5823/06 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni ta' Thejġija ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) fil-qasam tat-taħriġ u l-bini ta' kapaċità għall-verifika u fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa 6484/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f' għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea 6301/1/06 REV 1	

MARZU 2006

ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea li jemenda u jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni 6302/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea 6305/06 + COR 1 Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea li jemenda u jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni 6306/06 + COR 1 (fi)	

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (MCPs) billi jiġi emendat l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni 6462/06 + COR 1 (fi) L-2721 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija) fis-27 ta' Marzu 2006 Deċiżjonijiet tal-Kunsill 7769/06 + ADD 1 - dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5033/06 + COR 1 (sv) + COR 2 (fi) + COR 3 (fr) + COR 4 (es) + COR 5 (sv) + COR 6 (et) + COR 7 (hu) + REV 1 (lt) - dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5034/06 + COR 1 (fi) + COR 3 (es) + REV 1 (lt) - dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5035/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (pl) + COR 3 (es) + COR 4 (fr) + COR 5 (hu) + COR 6 (pl) + COR 7 (sk) + COR 8 (fi) + REV 1 (lt) - dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Awstralja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5036/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (pl) + COR 3 (es) + REV 1 (lt) - dwar il-firma tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5038/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (pl) + REV 1 (lt) - dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5039/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (pl) + COR 3 (sv) + REV 1 (lt)	

MARZU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru 5040/06 + COR 1 (fi) + COR 2 + COR 3 + COR 4 (pl) + COR 5 (es) + COR 6 (pl) + COR 7 + COR 8 (en) + COR 9 (lt) + COR 10 (hu) + COR 11 (mt) + COR 12 (sl) + COR 13 (sl) + REV 1 (lt) + REV 1 COR 1 (lt) + REV 1 COR 2 (lt) + REV 1 COR 3 (lt) Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1531/2002 li jistabbilixxi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' riċevituri għal televiżur bil-kulur li joriġinaw, inter alia, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 7129/06 + COR 1 (en) + COR 2 (fi) + COR 3 (sk) + COR 4 (sv) + COR 5 (mt) + COR 6 (da) + COR 7 (pl) + COR 8 (lv) + REV 1 (lt)	